# Meditazzjoni Ewkaristika fuq il-Lezzjoni l-Qasira tal-Kumpjeta tal-Ġimgħa

*Dun Hector M. Scerri*

"Int qiegħed f'nofsna, Mulej, u aħna msemmija għalik", (Ġer 14, 9). Tabilħaqq, Mulej, aħna ninsabu hawn quddiemek, ingawdu l-preżenza tiegħek. Qegħdin hawn quddiemek biex noffrulek it-talbiet tagħna... talbiet ta' tifħir, radd il-ħajr, petizzjoni u adorazzjoni. Qegħdin hawn għax "għalik imxennqa ruħna... bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma" (ara Salm 63, 2).

Ftit qabel ma offrejt lilek innifsek fuq is-salib biex issalvana, Mulej, int ridt tħallilna tifkira tal-imħabba li biha ħabbejtna "għall-aħħar" (Ġw 13, 1). Permezz tal-preżenza reali tiegħek fl-Ewkaristija, inti tibqa' fostna bħala Dak li ħabbejtna u tajt lilek innifsek għalina. Tibqa' preżenti għalina taħt sinjali li jfissru u jikkomunikaw din l-imħabba infinita (ara *Katekiżmu*, par. 1380).

Jiġini f'moħħi bħalissa episodju mill-ħajja tal-kappillan qaddis t'Ars, San Ġwann Marija Vianney li għex fis-seklu dsatax. Ħafna drabi kien jara wieħed mill-parruċċani, bilqiegħda għall-ħinijiet twal, in-naħa ta' wara tal-Knisja. Darba waħda, Vianney mar fuqu u staqsieh x'kien qed jagħmel. Dak il-gabillot, huwa u jitlob quddiem it-tabernaklu, wieġeb: "Jien narah, u Hu jarani" (ara *Katekiżmu*, par. 2715).

Mulej, ġejna quddiemek wara jum twil ta' ħidma, wara li ltqajna ma' ħafna persuni. U minħabba d-distrazzjonijiet li jista' jkollna, forsi nonqsu milli jkollna dik is-sempliċità li kellu l-gabillot t'Ars. Agħmel li xofftejna jisktu, waqt li niffissaw ħarsitna fuqek. Aħna nemmnu bis-sħiħ li l-Ġisem glorjuż tiegħek fl-Ewkaristija jittrasforma l-ħajja tagħna meta nirċevuk. Madankollu, aħna wkoll nemmnu li waqt li ninxtehtu quddiemek biex nadurawk, il-qawwa ta' mħabbtek taħkimna kompletament. Għallimna niftħu qalbna beraħ għall-qawwa trasformatriċi tal-imħabba tiegħek. Iżreġ fuqna u ttrasformana. Bħalma biċċa xemgħa tirtab u tinħall fis-sħana tax-xemx, l-istess jiġri lilna meta nkunu quddiemek. Mulej, ippenetra l-ebusija ta' qalbna meta ninxteħtu għarkobbtejna quddiemek; int turina "il-qalb ħanina t'Alla tagħna, li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa" (Lq 1, 78).

Kull meta niġu quddiemek u ngħaddu ftit tal-ħin quddiemek, nafu li int tittrasformana. Agħtina l-qawwa li nwaqqgħu l-ħitan li jżommuna 'l bogħod minnek. Agħtina l-kuraġġ li niftħu qalbna għalik. Agħtina d-determinazzjoni li nkomplu mexjin fit-triq tal-konverżjoni. Ittrasforma l-qalb u l-moħħ tagħna. Dan mhuwiex faċli. Inti taf bid-dgħjufija

tagħna. Taf kemm naqgħu... imma taf ukoll li nħobbuk (ara Ġw 21, 17). "Mulej, għand min tridna mmorru? Int, int biss, għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem" (ara Ġw 6, 68). Inti taf ukoll li qalbna bil-għatx għalik "bħal għażżiela mxennqa għan-nixxigħat tal-ilma... Ruħna għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj" (Salm 42, 2-3).

Ejjew nersqu quddiemek bix-xewqa qawwija li nħallük tibdilna mill-qiegħ. Waqt li int tittrasformana u timliena b'imħabbtek, nagħarfu li l-fedeltà għas-sejħa tagħna titlob minna li nkunu strumenti f'idejk, biex bnedmin oħra jduru lejk u jagħarfuk aħjar. Din il-missjoni timliena bir-responsabbiltà li nġorru l-imħabba rikonċiljanti tal-Missier lill-oħrajn. Din hi sejħa biex negħlbu dak kollu li jifridna minnek u minn xulxin, u ninfetħu għall-ħidma inċessanti tal-Ispirtu Qaddis tiegħek. B'hekk naslu biex nagħarfu li aħna strumenti tal-grazzja tiegħek għal xulxin: li nkunu l-melħ tal-art u d-dawl tad-dinja.

Ejjew nagħmlu tagħna waħda mit-talbiet ta' Madre Tereża lill-Ewkaristija Mqaddsa: "Għażiż Ġesù, agħmel li nxerrdu l-fwieħa tiegħek kulfejn immorru. Imla 'l qlubna bl-Ispirtu tiegħek u bil-ħajja tiegħek. Hu l-eżistenza tagħna kollha kemm hi f'idejk... Iddi fina u permezz tagħna. Agħmel li kull persuna li niltaqgħu magħha tara l-preżenza tiegħek ġewwa qalbna... Id-dawl, O Ġesù, kollu ġej minnek, mhux minna. Tkun il-preżenza tiegħek li tiddi fuq l-oħrajn permezz tagħna" (Ara *A Simple Path*, p. 58-59).

Il-profeta Ġeremija talab: "Int qiegħed f'nofsna, Mulej, u aħna msemmija għalik: la tħalliniex, Mulej, Alla tagħna" (Ġer 14, 9). Minn-naħa tagħna, nitolbuk: "Mulej, int qiegħed f'nofsna, u aħna msemmija għalik. Agħmel li *aħna* ma nitilqukx, imma nkunu dejjem miegħek. Amen."

Hemm bżonn li l-imħabba titgħallem taqdi u t-tbatija titgħallem tkanta.
***Salvaneschi***

Jekk ma jkollniex il-kwiet f'moħħna, il-kumdità ma tiswilniex aktar minn żarbun tad-deheb f'sieq minfuħa.
***John Bunyan***

There is no comparison between men and women. It is like trying to compare a rose with a jasmine. Each has its own perfume. Women are not equal to men. But then men are not equal to women.
***Islamic poem***

No God, No Peace; Know God, Know Peace.


29/277